A.L. 87 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' INVESTIMENT

(KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' l-Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi bil-parir ta' l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, bħala l-awtorita' kompetenti maħtura għall-finijiet ta' l-Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:- Kap. 370.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' l-Investiment. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra :- Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment; Kap. 370.

"awtorità barranija'' tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE:

(a) biex jaġixxu bħala l-awtorità ta' sorveljanza dwar l-impriża ta' investiment Eworpea konċernata f'dak l-Istat Membru jew Stat ŻEE skond kif imfisser fid-Direttiva, jew

(b) biex tagħmel id-doveri provduti fid-direttiva dwar impriża ta' investiment Ewropea li qed teżerċita jew li qed tipproponi li teżerċita d-dritt Ewropew.

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta maħtura bl-artikolu 2A ta' l-Att;

"awtorità tas-sorveljanza" tfisser l-awtorità barranija fi Stat Membru jew Stat ŻEE;

"Direttiva'' tfisser Direttiva tal-Kunsill 93/22/EEC ta' l-10 ta' Mejju, 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tas-sigurtajiet kif emendata minn żmien għal żmien;

"dritt Ewropew'' tfisser id-dritt ta' persuna li twaqqaf fergħa, jew tipprovdi servizzi, fi Stat Membru jew Stat ŻEE barra minn dak fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha :-

(a) skond it-Trattat kif applikat fl-Istat Membru jew Stat ŻEE; u

(b) bla ħsara għall-ħtiġiet tad-Direttiva u bla ħsara għal kull regola, regolamenti, jew Linji ta' Gwida magħmula taħt l-Att li jimplimenta dawk il-ħtiġiet;

"fergħa'' tfisser post ta' negozju li jkun parti mill-impriża ta' investiment, u li ma jkollux personalità ġuridika u li jipprovdi s-servizzi li dwarhom tkun ġiet awtorizzata l-impriża ta' investiment; il-postijiet tan-negozju kollha stabbiliti fl-istess Stat Membru jew fi Stat ŻEE minn impriża ta' investiment bi kwartieri ġenerali fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE ieħor għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda;

"impriża ta' investiment'' tfisser kull persuna, barra minn persuni li għalihom id-Direttiva ma tapplikax skond l-Artikolu 2 ta' l-imsemmija Direttiva, inkorpat fl-Iskeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u l-okkupazzjoni jew in-negozju prinċipali tagħha jkun il-provdiment ta' xi wieħed jew iktar mis-servizzi ta' investiment prinċipali lil terzi fuq bażi professjonali;

"impriża ta' investiment Ewropea'' tfisser impriża ta' investiment kif imfissra fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva li tkun awtorizzata mill-awtorità barranija taghha u skond kif imfisser fl-Artikolu 3 tad-Direttiva jew li tkun awtorizzata minn awtorità barranija fi Stat ŻEE;

"impriża ta' investiment Maltija'' tfisser persuna li għandha liċenza skond l-Att, li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta u li jkollha l-jedd li tmexxi attività fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE barra minn Malta fl-eżerċizju ta' dritt Ewropew;

"Kummissjoni'' tfisser il-Kummissjoni tal-Kommunitajjiet Ewropej;

"Linji ta' Gwida'' tfisser il-Linji ta' Gwida dwar Servizzi ta' Investiment kif imfisser fl-artikolu 6 ta' l-Att;

"regoli Maltin'' tfisser regoli -

(a) magħmula skond id-Direttiva; u

(b) li huma r-responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti (dwar implimentazzjoni sorveljanza u infurzar) skond id-Direttiva u li jkunu soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-Att u tar-regoli, regolamenti u Linji ta' Gwida kollha magħmula bis-saħħa tiegħu;

"servizz mhux prinċipali'' tfisser servizz imniżżel fis-Sezzjoni – ta' l-Anness li hemm mad-Direttiva, inkorporat fl-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"servizz ta' investiment prinċipali'' tfisser servizz imniżżel fis-Sezzjoni A ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva, inkorporat fl-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"Stat Membru'' tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat Membru ospitanti jew Stat ŻEE'' tfisser l-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn impriża ta' investiment Maltija teżerċita jew tipproponi li teżerċita drittijiet Ewropej;

"Stat Membru tal-pajjiż tagħha jew Stat ŻEE'' tfisser :-

(a) meta l-impriża ta' l-investiment Ewropea tkun persuna naturali, l-Istat Membru jew Stat ŻEE li fih ikun sitwat l-uffiċċju prinċipali ta' dik il-persuna; jew

(b) meta l-impriża ta' investiment Ewropea tkun persuna legali, l-Istat Membru jew l-Istat ŻEE li fih ikun sitwat l-uffiċċju reġistrat tagħha jew, jekk taht il-liġi nazzjonali tagħha ma jkollhiex uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn ikun sitwat l-uffiċċju prinċipali tagħha;

"Stat ŻEE'' tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokol iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu 1993 u kif emendat minn żmien għal żmien.

"Trattat'' tfisser it-Trattat ta' Ruma ffirmat fl-1957, li jwaqqaf il-Kommunità Ekonomika Ewropea, kif sussegwentament emendat;

"Tribunal'' tfisser it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji stabbilit skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

Taqsima I - Eżercizzju ta' Drittijiet tal-Passaport minn Impriżi ta' Investiment Ewropej

Eżerċizzju ta' drittijiet tal-passaport minn Impriżi ta' Investiment Ewropej – twaqqif.

3. (1) Impriża ta' investiment Ewropea li tkun trid tistabbilixxi fergħa f'Malta bl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' twaqqif speċifikati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament u tkun eżentata mid-disposizzjonijiet ta' artikolu 3 ta' l-Att.

(2) Il-kondizzjonijiet ta' twaqqif għall-finijiet ta' dan ir-regolament huma li :-

(a) l-impriża ta' investiment Ewropea tkun tat lill-awtorita' ta' sorveljanza fl-Istat Membru tal-pajjiż tagħha jew fl-Istat ŻEE, avviż li jkun fih it-tagħrif meħtieġ taħt ir-regoli u r-regolamenti ta' dak l-Istat skond ma hemm fl-Artikolu 17 tad-Direttiva;

(b) l-awtorità kompetenti tkun irċeviet avviż ta' kunsens skond il-paragrafu (ċ), mingħand l-awtorità ta' sorveljanza ta' dik l-impriża ta' investiment Ewropea li tgħid li tkun tat il-kunsens tagħha lill-impriża ta' investment biex tistabbilixxi fergħa f'Malta; u

(ċ) l-avviż ta' kunsens għandu –

(i) ikun ingħata skond id-Direttiva;

(ii) jiċċertifika li l-impriża ta' investiment Ewropea tkun awtorizzata biex taġixxi bħala impriża ta' investiment mill-awtorità barranija;

(iii) Jidentifika l-attivitajiet li għalihom jirreferi l-kunsens;

(iv) ikun fih it-tagħrif dikjarat fl-avviż mogħti mill-impriża ta' investiment Ewropea skond il-paragrafu (a) hawn qabel; u

(v) ikun fih id-dettalji ta' kull skema ta' kumpens maħsuba biex tħares il-klijenti tal-fergħa.

(3) L-awtorità ta' sorveljanza tal-impriża ta' investiment Ewropea għandha tinforma lill-awtorità kompetenti dwar kull tibdil fid-dettalji ta' l-iskema ta' kumpens imsemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(4) Fergħa ta' impriża ta' investiment Ewropea ma għandhiex tibda tinnegozja jekk -

(a) ma tkunx mgħarrfa mill-awtorità kompetenti b'kull disposizzjoni applikabbli u li tista' tistabbilixxi l-fergħa; jew

(b) ma jkunux għaddew xahrejn mid-data minn meta l-Awtorità tkun irċeviet l-avviż ta' kunsens.

(5) Fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet li ġejjin, l-impriża ta' investiment Ewropea għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorita kompetenti u lill-awtorità ta' sorveljanza mill-anqas xahar qabel ma timplimenta t-tibdil:

(a) il-programm ta' l-operat li jagħti *inter alia* t-tipi ta' kummerċ maħsuba u l-istruttura organizzattiva tal-fergħa;

(b) l-indirizz f'Malta minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu d-dokumenti; u

(ċ) l-ismijiet ta' dawk responsabbli għall-immaniġġar tal-fergħa.

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament "disposizzjonijiet applikabbli'' tfisser ir-regoli Maltin li impriża ta' investiment Ewropea tkun meħtieġa tħares meta tkun qed tmexxi attività, identifikata fl-avviż tà kunsens permezz, ta' fergħa f'Malta.

Eżerċizzju ta' drittijiet tal-passaport minn impriżi ta' investiment Ewropej – servizzi.

4. (1) Impriża ta' investiment Ewropea li tkun trid tipprovdi servizzi f'Malta bl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' servizz speċifikati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament u tkun eżentata mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' l-Att.

(2) Il-kondizzjonijiet ta' servizz għall-finijiet ta' dan ir-regolament huma li -

(a) l-impriża ta' investiment Ewropea tkun tat lill-awtorità ta' sorveljanza tagħha avviż tal-intenzjoni li tipprovdi servizzi f'Malta bid-dettalji meħtieġa skond l-Artikolu 18 tad-Direttiva;

(b) l-awtorità kompetenti tkun irċeviet avviż ta' tali intenzjoni mingħand l- l-awtorità tas-sorveljanza ta' l-impriża ta' investiment Ewropea.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet avviż u tkun mgħarrfa bl-intenzjoni ta' l-impriża ta' investiment Ewropea biex tipprovdi servizzi f'Malta, din għandha, meta ħekk ikun xieraq –

(a) tħejji għas-sorveljanza ta' l-impriża ta' investiment Ewropea; u

(b) tavża lill-impriża ta' investiment Ewropea bid-disposizzjonijiet applikabbli, jekk ikun hemm.

(4) Fil-każ ta' tibdil fil-kontenut tat-tagħrif mogħti dwar il-programm ta' l-operat li jiddikjara b'mod partikolari s-servizz jew is-servizzi ta' investiment li l-impriża ta' investiment Ewropea jkun bi ħsiebha tipprovdi, l-impriża ta' investiment Ewropea għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorità kompetenti u lill- awtorità tas-sorveljanza tagħha qabel timplimenta dak it-tibdil.

(5) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament "disposizzjonijiet applikabbli'' tfisser ir-regoli Maltin li impriża ta' investiment Ewropea tkun meħtieġa tħares meta tkun qed tmexxi attività identifikata fl-avviż mill-awtorità tas-soveljanza ta' l-impriża ta' investiment Ewropea billi tipprovdi servizzi f'Malta.

Rapporti lill-Awtorità Kompetenti.

5. (1) L-awtorità kompetenti tista', għal għanijiet ta' statistika, teħtieġ lil impriża ta' investiment Ewropea li tkun stabbilit fergħa f'Malta skond dawn ir-regolamenti biex tirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tagħha f'Malta.

(2) Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha skond kif imfisser fl-Artikolu 19 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil impriża ta' investiment Ewropea biex tipprovdi l-istess partikolaritajiet bħal impriżi għal investiment Maltin għal dak l-għan.

(3) L-awtorita kompetenti tista' teħtieġ lil impriża għal investiment Ewropea li tipprovdi servizzi f'Malta, biex tipprovdi t-tagħrif meħtieġ għall-fini tas-sorveljanza tagħha fit-tħaris ta' *standards* stabbiliti mill-awtorità kompetenti, sal-limitu permess bid-Direttiva.

6. Impriża ta' investiment Ewropea ma tkunx projbita milli tirreklama s-servizzi tagħha b'kull mezz ta' komunikazzjoni li jista' f'Malta kemm-il darba tħares kull liġi applikabbli u kull Linji ta' Gwida rilevanti. Reklami.

7. (1) Meta impriża ta' investiment Ewropea tmexxi negozju f'Malta permezz ta' fergħa fl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew, l-awtorità tas-sorveljanza tagħha tista', wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti, jew hi stess jew permezz ta' intermedjarju li taħtar hi stess għal dan l-għan, tmexxi kull verifika fuq il-post tat-tagħrif skond kif imfisser fl-Artikolu 23 (3) kif riferit fl-Artikolu 24 tad-Direttiva. Verifiki fuq il-post.

(2) L-awtorità barranija tista' wkoll titlob lill-awtorità kompetenti biex tagħmel dik il-verifika fuq il-post. L-awtorità kompetenti tista', fil-qafas tas-setgħat tagħha skond il-liġi, taġixxi fuq it-talba billi tagħmel il-verifika hi stess jew tħalli lill-awtorità barranija li tagħmel it-talba biex jew tagħmilha hi jew tħalli awdituri jew esperti jagħmluha huma.

(3) Dan ir-regolament ma jolqotx id-dritt ta' l-awtorità kompetenti, fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha taħt id-Direttiva, li tagħmel verifiki fuq il-post ta' fergħat mwaqqfa f'Malta.

Taqsima II - Eżerċizzju ta' Drittijiet tal-Passaport minn Impriża ta' Investiment Maltija

8. (1) Impriża ta' investiment Maltija tista' teżerċita dritt Ewropew biex tistabbilixxi fergħa jekk tissodisfa l-ħtiġiet murija fid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament. Eżerċizzju ta' drittijiet tal-passaport minn impriżi ta' investiment Maltin – twaqqif.

(2) L-impriża ta' investiment Maltija għandha tagħti lill-awtorità kompetenti avviż tal-intenzjoni biex tistabbilixxi fergħa li jkun fih -

(a) l-Istat Membru jew l-Istat ŻEE li fit-territorju tiegħu l-impriża ta' investiment tkun qed tippjana li tistabbilixxi fergħa;

(b) programm ta' tħaddim li jidentifika l-attivitajiet li tkun bi ħsiebha tmexxi permezz tal-fergħa;

(ċ) l-indirizz tal-fergħa proposta minn fejn jkunu jistgħu jinkisbu id-dokumenti;

(d) l-istruttura organizzattiva proposta għall-fergħa u l-ismijiet tal-*managers* proposti; u

(e) dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun speċifikat permezz ta' Linji ta' Gwida.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (6) u (8) ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha tagħti avviż ta' kunsens skond il-kondizzjonijiet tas-subregolament (4) ta' dan ir-regolament lill-awtorità barranija fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi avviż sħiħ ta' l-intenzjoni.

(4) L-avviż tà kunsens għandu -

(a) jingħata skond id-Direttiva;

(b) jiċċertifika li l-impriża ta' investiment Maltija ikollha liċenzja taġixxi bħala impriża ta' investiment mill-awtorità kompetenti;

(ċ) jidentifika l-attivitajiet li għalihom jirreferi l-kunsens;

(d) ikun fih it-tagħrif dikjarat fl-avviż ta'l–intenzjoni ta' l-impriża ta' investiment Maltija;

(e) ikun fih id-dettalji ta' kull skema ta' kumpens maħsuba biex tħares l-investituri tal-fergħa; u

(f) jinkludi dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun stabbilit bil-mezz ta' Linji ta' Gwida.

(5) L-awtorità barranija għandha tkun mgħarrfa mill-awtorita kompetentiċ b'kull tibdil fid-dettalji ta' skema ta' kumpens imsemmija fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament.

(6) Jekk id-dritt Ewropew ta' l-impriża ta' investiment Maltija joriġina mid-Direttiva u jkunu sodisfatti l-ħtiġiet speċifikati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l- awtorità kompetenti għandha toħroġ avviż ta' kunsens lill-awtorità barranija kemm-il darba ma jkollhiex raġuni tiddubita kemm tkun xierqa l-impriża ta' investiment Maltija fir-rigward ta' l-istruttura amministrattiva jew il-qagħda finanzjarja, meta jitqiesu l-attivitajiet previsti:

Iżda fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet imsemmija f'dan is-subregolament, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf b'dan lill-awtorità barranija.

(7) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirrifjuta li tagħti avviż ta' kunsens -

(a) din għandha, fi żmien tliet xhur mid-data minn meta tkun irċeviet avviż ta'l-intenzjoni sħiħ, tagħti lill-persuna li tkun tat dak l-avviż ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha bil-miktub; u

(b) dik il-persuna tista' tappella lit-Tribunal u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 19 ta' l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(8) Fergħa ta' l-impriża ta' investiment Maltija ma għandhiex tibda tinnegozja, jekk -

(a) l-awtorità barranija ma tkunx għarrfet lill-impriża ta' investiment Maltija bid-disposizzjonijiet applikabbli; jew

(b) ma jkunux għaddew xahrejn mid-data minn meta l-awtorità kompetenti tkun tat l-avviż ta' kunsens mingħajr ma tkun irċeviet xi komunikazzjoni mingħand l-awtorità barranija.

(9) Fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet komunikati skond il-paragrafi (b), (ċ) u (d) tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-impriża ta' investiment Maltija għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità barranija għall-anqas xahar qabel timplimenta t-tibdil.

(10) Is-sorveljanza dwar il-prudenza ta' impriża ta' investiment Maltija tkun ir-responsabbiltà ta' l- awtorità kompetenti sew jekk l-impriża ta' investiment tistabbilixxi fergħa jew tipprovdi servizzi fi Stat Membru jew Stat ŻEE iehor sew jekk le, mingħajr ħsara għal dawk id-disposizzjonijiet tad-Direttiva li jagħtu r-responsabbiltà ta' l-awtorità barranija.

(11) F'dan ir-regolament, "disposizzjonijiet applikabbli" tfisser ir-regoli ta' l-istat Membru ospitanti jew Stat ŻEE li l-impriża ta' investiment Maltija tkun meħtieġa tħares meta tkun qed tmexxi n-negozju permezz tal-fergħa proposta fl-Istat Membru jew Stat ŻEE konċernat.

(12) F'dan ir-regolament "regoli ta' l-istat Membru ospitanti Stat ŻEE" tfisser regoli -

(a) magħmula skond id-Direttiva; u

(b) li jkunu r-responsabbiltà ta' l-awtorità barranija ta' l-Istat Membru jew Stat ŻEE konċernat dwar implimentazzjoni sorveljanza u tħaris skond id-Direttiva.

(13) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-għadd u x-xorta ta' każijiet li fihom ikun hemm rifjut skond is-subregolament (7) ta' dan ir-regolament.

Eżerċizzju tad-drittijet tal-passaport minn impriżi ta' investiment Maltin - servizzi.

9. (1) Impriża ta' investiment Maltija ma tistax teżerċita dritt Ewropew biex tipprovdi servizzi kemm-il darba l-impriża ta' investiment Maltija ma tkunx tat lill-awtorità kompetenti, avviż tal-intenzjoni tagħha li tipprovdi servizzi kif speċifikat fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, avviż ta' intenzjoni għandu -

(a) jidentifika s-servizzi li tkun bi ħsiebha tipprovdi flimkien ma' programm ta' thaddim;

(b) jiddikjara f'liema Stat Membru jew Stat ŻEE tkun bi ħsiebha taħdem; u

(ċ) jinkludi dak it-tagħrif l-ieħor kif jista' jkun speċifikat fil-Linji ta' Gwida.

(3) Jekk id-dritt Ewropew ta' l-impriża ta' investiment Maltija jinkiseb mid-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi avviż ta' intenzjoni, tibgħat kopja tiegħu lill-awtorità barranija. Għandha wkoll tikkomunika d-dettalji ta' kull skema ta' kumpens applikabbli maħsuba biex thares lill-investituri.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tibgħat il-kopja taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament jew tagħti avviż ta' kunsens, din għandha tagħti avviż bil-miktub lill-impriża ta' investiment Maltija konċernata. L-impriża ta' investiment Maltija tista' mbagħad tibda tipprovdi s-servizz jew is-servizzi li jkunu fl-Istat Membru ospitanti jew Stat ŻEE:

Iżda meta jkun hekk xieraq, l-awtorità barranija għandha, malli tirċievi l-informazzjoni mingħand l- awtorità kompetenti, tindika lill-impriża ta' investiment Maltija l-kondizzjonijiet, inklużi r-regoli ta' kondotta li min ilun se jipprovdi s-servizzi għandu jħares fl-Istat Membru ospitanti jew Stat ŻEE, fl-interess tal-ġid ġenerali.

(5) Fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet provduti minn impriża ta' investiment Maltija skond il-paragrafu (a) tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-impriża ta' investiment Maltija għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil

lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità barranija qabel ma timplimenta dak it-tibdil.

10. Dritt Ewropew jagħti l-jedd lil impriża ta' investiment Maltija li tipprovdi servizz jew servizzi ta' investiment prinċipali: Dritt li jkunu provduti servizzi prinċipali u mhux prinċipali.

Iżda dritt Ewropew jista' b'żieda ma' dan jagħti l-jedd lil impriża ta' investiment Maltija biex tipprovdi servizz jew servizzi mhux prinċipali, iżda dawn ma għandhom f'ebda każ ikunu eżerċitati biss dwar servizzi mhux prinċipali.

Taqsima III - Kontravvenzjonijiet minn impriżi ta' investiment Ewropej

11. (1) Meta l-awtorità kompetenti taċċerta li impriża ta' investiment Ewropea li jkollha fergħa jew li tkun tipprovdi servizzi f'Malta: Kontravenzjonijiet minn impriżi ta' investiment Ewropej.

(a) tkun kisret jew x'aktarx tikser ir-regoli Maltin u xi disposizzjoni ta' l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;

(b) meta kienet tidher li qed tħares xi disposizzjoni bħal dik, tkun tat tagħrif li hu falz, mhux korrett jew qarrieqi;

l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ bil-miktub lill-impriża ta' investiment konċernata biex tirrimedja u tirrettifika l-pożizzjoni tagħha.

(2) Jekk l-impriża ta' investiment Ewropea konċernata tonqos milli tieħu l-passi meħtieġa biex tirrimedja u tirrettifika l-pożizzjoni tagħha, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf b'dak in-nuqqas lill-awtorità barranija.

(3) Jekk minkejja l-azzjonijiet meħuda mill-awtorità barranija jew minħabba li dawk l-azzjonijiet jirriżultaw li ma jkunux biżżejjed jew ma jkunux jistgħu jinkisbu f'Malta, l-impriża ta' investiment Ewropea tippersisti fil-ksur tad-disposizzjonijiet legali jew regolatorji msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament kif fis-seħħ f'Malta, l-awtorità kompetenti tista', wara li tgħarraf lill-awtorità barranija, tieħu l-miżuri xierqa biex tipprevjeni jew tippenalizza aktar irregolaritajiet u, safejn ikun meħtieġ, biex tipprevjeni lil dik l-impriża ta' investiment Ewropea milli tibda iktar transazzjonijiet f'Malta.

(4) Is-subregolamenti ta' qabel ta' dan ir-regolament ma għandhomx jolqtu s-setgħat ta' l-awtorità kompetenti li tieħu l-passi xierqa biex tipprevjeni jew tippenalizza irregolaritajiet li jkunu saru f'Malta li jkunu bi ksur tar-regoli ta' kondotta introdotti skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva kif ukoll dwar disposizzjonijiet oħra legali jew regolatorji adottati fl-interess ta' investituri u l-pubbliku ġenerali. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li jipprevjenu lil impriżi ta' investiment Ewropej li jkunu ħatja ta' tali irregolaritajiet milli jibdew xi transazzjonijiet oħra f'Malta.

(5) Kull miżura li tittieħed skond dan ir-regolament għandha tkun komunikata lill-impriża ta' investiment Ewropea konċernata bil-miktub, flimkien mar-raġunijiet li jiġġustifikaw dawk il-miżuri u tkun suġġetta għal dritt ta' appell lit-Tribunal u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 19 ta' l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tieħu kull miżura kawzjonarja meħtieġa biex tħares l-interesi ta' investituri u oħrajn li lilhom ikunu provduti s-servizzi. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-awtorità barranija konċernata b'dawk il-miżuri ma' l-ewwel opportunità li jkollha.

(7) Fil-każ ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità barranija, l-awtorità kompetenti għandha tkun mgħarrfa mill-imsemmija awtorità barranija u għandha tieħu dawk il-miżuri li jkunu xierqa biex tipprevjeni lill-impriża ta' investiment Ewropea konċernata milli tibda xi transazzjonijiet oħra f'Malta u biex tħares l-interessi ta' investituri u oħrajn li lilhom ikunu provduti s-servizzi.

(8) Projbizzjoni taħt dan ir-regolament tista' tkun -

(a) assoluta; jew

(b) limitata, jiġifieri, imposta għal ġrajja speċifikata jew sakemm ikunu tħarsu l-kondizzjonijiet speċifikati;

u kull żmien, ġrajja jew kondizzjonijiet speċifikati fil-każ ta' projbizzjoni limitata jistgħu jkunu mibdula mill-awtorità kompetenti u kull avviż bħal dak għandu jkollu effett f'dik id-data li tista' tkun speċifikata fl-avviż.

Taqsima IV - Applikabbiltà tà Disposizzjonijiet

Applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet.

12. (1) Persuna li, fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti kellha fil-pussess tagħha liċenza maħruġa mill-awtorità kompetenti li tkopri l-provdiment ta' servizz ta' investiment klassifikat bħala servizz prinċipali skond is-Sezzjoni A ta' l-Anness tad-Direttiva inkorporata fl-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandha titqies li tkun impriża ta' investiment Maltija għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Kemm-il darba tali persuna tħares il-Linji ta' Gwida kollha applikabbli maħruġa mill-imsemmija awtorità kompetenti:

Iżda wkoll dik il-persuna tista' jekk ikollha liċenzja bħal dik, tipprovdi wkoll servizz mhux prinċipali skond is-Sezzjoni Ċ ta' l-Anness tad-Direttiva inkorporata fl-Iskeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull liċenza maħruġa wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tindika jekk id-detentur tal-liċenza jkunx impriża ta' investiment skond dawn ir-regolamenti.

Taqsima V - Tifsir

Tifsir.

13. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta d-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva kif emendata u għandhom ikunu mfissra u applikati b'dak il-mod.

(2) Fil-każ li xi wieħed minn dawn ir-regolamenti jkun konfliġġenti mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva, għandha tipprevali d-Direttiva.

SKEDA 1

Anness tad-Direttiva

SEZZJONI A

Servizzi

1. (a) Ordnijiet li jiġu riċevuti u trasmessi, f'isem investituri, ta' ordnijiet dwar wieħed jew iżjed mill-istrumenti mniżżla fis-Sezzjoni B.

(b) Eżekuzzjoni ta' dawk l-ordnijiet ħlief għal akkont personali.

2. Negozju f'xi wieħed mill-istrumenti mniżżla fis-Sezzjoni B għal akkont personali.

3. Immaniġġar ta' portafolli ta' investiment skond mandati mogħtija minn investituri fuq bażi diskriminatorja, klijent bi klijent, meta dawk il-portafolli jinkludu strument jew strumenti mniżżla fis-Sezzjoni B.

4. *Underwriting* dwar ħruġ ta' strumenti mniżżla fis-Sezzjoni B u, jew *placing* ta' kull ħruġ bħal dawk.

SEZZJONI B

Strumenti

1. (a) Titoli trasferibbli.

(b) Unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv.

2. Strumenti tas-suq monetarju.

3. Kuntratti ta' *futures* finanzjarji, inklużi strumenti ekwivalenti li jitħallsu bi flus.

4. Arranġamenti għal rata ta' mgħax, miftiehma bil-quddiem (FRAs).

5. *Swaps* ta' rata ta' mgħax, munita u ekwità.

6. *Options* għall-akkwist jew disponiment ta' strumenti li jaqgħu taħt din is-sezzjoni ta' l-Anness inklużi strumenti ekwivalenti li jitħallsu bi flus. Din il-kategorija tinkludi b'mod partikolari *options* fuq munita u fuq rati ta' mgħax.

SEZZJONI Ċ

Servizzi mhux prinċipali

1. *Safekeeping* u amministrazzjoni dwar strument jew strumenti mniżżla fis-Sezzjoni B.

2. Servizzi ta' kustodja fis-sigurezza.

3. Għoti ta' krediti jew self lil investitur biex ikun jista' jagħmel transazzjoni fi strument jew strumenti mniżżla fis-Sezzjoni B, meta l-impriża li tagħti l-kreditu jew self tkun involuta fit-transazzjoni.

4. Pariri li impriżi fuq struttura kapitalik, strateġija industrijali u ħwejjeġ relatati u pariri u servizzi dwar *mergers* u x-xiri ta' impriżi.

5. Servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' *underwriting*.

6. Pariri ta' investiment dwar strument jew strumenti mniżżla fis-Sezzjoni B.

7. Servizzi ta' kambju meta dawn ikollhom x'jaqsmu mal-provvista ta' servizzi ta' investiment.

SKEDA 2

Artikolu 2(2) tad-Direttiva

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

(a) impriżi ta' l-assigurazzjoni kif imfissra fl-Artikolu tad-Direttiva 73239/EEC jew l-Artikolu 1 tad-Direttiva 79/267/EEC jew impriżi li jmexxu l-attivitajiet ta' rijassigurazzjoni u retroċessjoni msemmija fid-Direttiva 64/225/EEC;

(b) impriżi li jipprovdu servizzi ta' investiment esklużivament għall-imprizi ċentrali tagħhom, għas-sussidjarji tagħhom jew għal sussidjarji oħra ta' l-impriżi ċentrali tagħhom;

(ċ) persuni li jipprovdu s-servizz ta' investiment meta dak is-servizz ikun provdut b'mod inċidentali fil-kors ta' attività tkun regolata b'dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew kodiċi ta' etika li jirregola l-professjoni li ma jeskludux il-provdiment ta' dak is-servizz;

(d) impriżi li jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu esklużivament fl-amministrazzjoni ta' skemi li fihom jipparteċipaw impjegati;

(e) impriżi li jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu fil-provdiment kemm tas-servizzi msemmija fil-paragrafu (b) kemm dawk imsemmija fil-paragrafu (d);

(f) il-bank ċentrali ta' Stati Membri jew Stat ŻEE u korpi nazzjonali oħra li jaqdu funzjonijiet simili u korpi pubbliċi oħra bir-responsabbiltà għal, jew li jintervjenu fl-immaniġġar ta' dejn pubbliku.

(g) impriżi-

– li ma jistgħux iżommu fondi jew titoli tal-klijenti u li għal dik ir-raġuni ma jkunux jistgħu f'xi żmien iqiegħdu lilhom infushom f'debitu mal-klijenti tagħhom, u

– li ma jistgħux jipprovdu xi servizz ta' investiment ħlief li jirċievu jew jittrasmettu ordnijiet f'titoli trasferibbli u unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv, u

fil-kors li jipprovdu dak is-servizz jistgħu jittrasmettu ordnijiet biss lil -

(i) impriżi ta' investiment awtorizzati skond din id-Direttiva;

(ii) istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skond id-Direttivi 77/780/EEC u 89/646/EEC;

(iii) fergħat ta' impriżi ta' investiment jew ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu awtorizzati f'pajjiż terz u li jkunu suġġetti għal u jkunu jħarsu r-regoli dwar prudenza meqjusa mill-awtorità kompetenti bħala li jkunu ristrettivi għall-inqas daqs dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, fid-Direttiva 89/646/EEC jew fid-Direttiva 93/6/EEC;

(iv) impriżi ta' investiment kollettiv awtorizzati taħt il-liġi ta' Stat Membru jew Stat EEA biex iqiegħdu fis-suq unitajiet għall-pubbliku u għall-*managers* ta' dawk l-impriżi;

(v) kumpanniji ta' investiment b'kapital fiss, kif imfisser fl-Artikolu 15 (4) tad-Direttiva 77/91/EEC (13) li t-titoli tagħhom huma mniżżlin jew negozjati f'suq regolat ta' Stat Membru jew Stat EEA;

– l-attivitajiet li huma regolati fuq livell nazzjonali b'regoli jew b'kodiċi tà etika;

(h) impriżi ta' investiment kollettiv sew jekk kordinati fil-livell tal-Komunita' sew jekk le u d-depożitarji u l-*managers* ta' dawk l-impriżi;

(i) Persuni li n-negozju prinċipali tagħhom huwa l-kummerċ f'kommoditajiet bejniethom jew ma' produtturi jew utenti professjonali ta' dawk il-prodotti u li jipprovdu servizzi ta' investiment biss għal dawk il-produtturi w utenti professjonali sal-limitu meħtieġ għan-negozju prinċipali tagħhom;

(j) impriżi li jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu esklużivament fil-kummerċ għalihom stess ta' *futures* finanzjarji jew swieq ta' *options* jew li jikkummerċjaw għan-nom ta' membri oħra ta' dawk is-swieq jew jagħmlu prezzijiet għalihom u li huma garantiti minn *clearing members* ta' dawk is-swieq. Ir-responsabbiltà biex ikun żgurat l-eżekuzzjoni ta' kuntratti magħmulin minn dawk l-impriżi, ghandha tittieħed minn *clearing members* ta' l-istess swieq.

(k) assoċjazzjonijiet stabbiliti minn fondi ta' pensjoni Daniżi bl-uniku għan li jkunu maniġġati l-assi ta' fondi ta' pensjoni li jkunu membri ta' dawk l-assoċjazzjonijiet;

(l) *'agenti di cambio'* li l-attivitajiet u l-funzjonijiet tagħhom ikunu regolati bid-Digriet Irjali Taljan Nru 222 tas-7 ta' Marzu 1925 u b'disposizzjonijiet sussegwenti li jemendawha, u li huma awtorizzati biex imexxu l-attivitajiet tagħhom taħt l-Artikolu 19 tal-Liġi Taljana Nru 1 tat-2 ta' Jannar 1991.